

Brussell, 12 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9908/25

ENFOPOL 193
CT 68
PROCIV 65
SPORT 28
CULT 60
CHIMIE 42
ATO 34
JAI 781

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Ġunju 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8123/25	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra r-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, nukleari u splussivi (CBRN-E) f'avvenimenti tal-massa, b'mod partikolari avvenimenti sportivi tal-massa - Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Ġunju 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra r-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, nukleari u splussivi (CBRN-E) f'avvenimenti tal-massa, b'mod partikolari avvenimenti sportivi tal-massa, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4102 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Ġunju 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar il-ġlieda kontra r-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, nukleari u splussivi (CBRN-E)

f'avvenimenti tal-massa, b'mod partikolari avvenimenti sportivi tal-massa

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Wieħed mill-oġettivi tal-Unjoni Ewropea huwa li progressivament jiġi stabbilit spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja bl-iżvilupp ta' azzjoni komuni fost l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra t-theddid f'postijiet pubbliċi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
2. L-eskalazzjoni tal-kunflitti armati, l-estremiżmu vjolenti, ix-xenarju kriminali li qed jevolvi, u l-polarizzazzjoni tas-soċjetajiet Ewropej jistgħu jwasslu biex it-theddid f'postijiet pubbliċi u waqt avvenimenti tal-massa fil-pajjiżi tal-UE jintensifika.
3. Atturi malizzjużi, inkluż organizzazzjonijiet kriminali u individwi waħedhom, qed jagħmlu użu sħiħ mill-avvanzi teknoloġiċi, b'hekk qed joħolqu bosta sfidi li jevolvu għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari permezz ta' tentattivi biex jiksbu, jissintetizzaw u jużaw aġenti kimiċi u bijoloġiċi perikolużi biex jagħmlu ħsara lin-nies, lill-annimali u lill-ambjent jew biex ifixxlu l-istil ta' ħajja tagħna.
4. Jeħtieġ, b'mod partikolari, li jiġi mmonitorjat il-livell ta' riskju u ta' theddid waqt avvenimenti tal-massa, inkluż dawk sportivi, tad-dannu potenzjalment sinifikanti kkawżat lin-nies jew lill-proprjetà li inċident jew attakk CBRN-E jista' jikkawża waqt avveniment bħal dan.

5. Il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn diversi aġenziji u bejn diversi istituzzjonijiet huma essenzjali biex l-investigazzjonijiet ikunu effettivi. Jeħtieġ li kemm l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi kif ukoll l-aġenziji u s-servizzi nazzjonali u lokali rilevanti kollha jifhmu aħjar l-isfidi u jkollhom għarfien akbar tal-kwistjonijiet ewlenin marbuta mat-theddid CBRN-E, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali applikabbli.
6. Ir-reżiljenza tas-settur privat dwar it-theddid CBRN-E tista' tissaħħaħ permezz ta' sensibilizzazzjoni u kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet pubbliċi.
7. Dawn il-konklużjonijiet għandhom l-għan li jiġġieldu t-theddid CBRN-E f'avvenimenti tal-massa billi jistabbilixxu għadd limitat ta' objettivi speċifiċi li jikkonċernaw il-manutenzjoni tat-tagħmir ta' kontromiżuri CBRN-E (eskluż kwistjonijiet ta' kwalità, disponibbiltà u distribuzzjoni ġeografika ta' stokkijiet Ewropej ta' kontromiżuri mediċi għall-popolazzjonijiet affettwati) u l-iżvilupp tal-għarfien espert meħtieġ fl-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni tal-UE fejn rilevanti, u billi tiġi kkunsidrata kollaborazzjoni mas-settur privat.
8. Il-konklużjonijiet jappoġġaw l-isforzi tal-Unjoni biex tkompli tiżviluppa t-tmexxija teknoloġika u tippromwovi l-eċċellenza fil-ġestjoni tar-riskju CBRN-E, b'mod partikolari billi tippromwovi, f'konformità mal-objettivi stabbiliti f'dawn il-konklużjonijiet, l-ogħla livell ta' protezzjoni minn materjali CBRN-E u rispons effettiv wara inċident.
9. Dawn il-konklużjonijiet għandhom jimmiraw li jkunu konsistenti mal-ħidma mwettqa min-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi, u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika u l-gwida ta' implimentazzjoni rilevanti tagħha.
10. Dawn il-konklużjonijiet għandhom l-għan li jtejbu u jappoġġaw ir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u ta' kompetenzi meħtieġa biex jitfasslu l-pjanijiet u l-proċeduri ta' rispons għal inċidenti CBRN-E biex tiġi żgurata aħjar is-sikurezza ta' avvenimenti tal-massa.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri:

11. Filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi tal-Istati Membri, jikkunsidraw li jevalwaw il-bżonn li jiġu aġġornati l-linji gwida Ewropej u l-politiki, il-leġislazzjoni jew l-aħjar prattiki nazzjonali dwar avvenimenti tal-massa (inkluż avvenimenti sportivi) biex jiġu stabbiliti standards ċari jew jiġu definiti rekwiżiti minimi (inkluż għall-infrastruttura u t-tagħmir) għal pjanijiet, proċeduri u miżuri multidixxiplinari dwar il-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons għal inċidenti u attakki CBRN-E f'avvenimenti tal-massa u l-irkupru minnhom, qabel, waqt u wara l-organizzazzjoni ta' avvenimenti tal-massa. L-istandards u r-rekwiżiti minimi għandhom iqisu t-tipi differenti ta' faċilitajiet għal avvenimenti tal-massa u għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar prattiki internazzjonali u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' sigurtà ta' kull pajjiż jew reġjun.
12. Iħeġġu l-iżvilupp ta' politiki multidixxiplinari u miżuri għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, inkluż l-użu ta' faċilitajiet, pjanijiet u proċeduri tat-taħriġ nazzjonali u tal-UE għall-prevenzjoni ta' inċidenti u attakki CBRN-E, it-tħejjija u r-rispons għalihom u l-irkupru minnhom, f'konformità mal-valutazzjoni tat-theddid iggwidata mill-intelligence, u biex jiġu indirizzati l-effetti ta' tali inċidenti u attakki CBRN-E f'avvenimenti tal-massa (inkluż avvenimenti sportivi), filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tas-sigurtà nazzjonali.

Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri:

13. Jidentifikaw theddid possibbli, iwettqu valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà tal-faċilitajiet għal avvenimenti tal-massa meqjusa bħala ta' riskju għoli biex jiġu identifikati punti ta' vulnerabbiltà għal inċident jew attakk CBRN-E. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, għandhom jiġu implimentati azzjonijiet biex tittejjeb il-kapaċità li jiġu antiċipati u prevenuti inċidenti u attakki CBRN-E u li jkun hemm protezzjoni minnhom u rispons għalihom.
14. Jimmonitorjaw (u, fejn ikun il-każ, jivvalutaw) żoni u faċilitajiet li jistgħu jintużaw għal avvenimenti tal-massa, inkluż avvenimenti sportivi (eż. stadiums, swali sportivi, eċċ.), biex jirreżistu inċidenti u attakki CBRN-E.

15. Jappoġġaw skambji transfruntieri u transsettorjali tal-esperjenza biex itejbu l-kondiviżjoni tal-għarfien, jippromwovu l-aħjar prattiki u jrawmu fehim aktar profond tal-kompiti u r-responsabbiltajiet reċiproċi tal-istituzzjonijiet li jiġġestixxu t-theddid CBRN-E fil-livell nazzjonali billi jqisu, fost l-oħrajn, il-ħolqien ta' pjattaforma tal-UE.
16. Jippromwovu l-kollaborazzjoni mad-dinja akkademika, max-xjenzati u maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) biex jinkiseb għarfien ibbażat fuq ix-xjenza u fuq l-evidenza. Jużaw is-sejbiet tar-riċerka biex jistimulaw xenarji li jinvolvu diversi sustanzi, u hekk itejbu l-istrateġiji tal-preparatezza u tar-rispons għal inċidenti u attakki CBRN-E.
17. Jiżguraw li fil-pjanijiet, il-proċeduri u l-miżuri kollha jkun hemm koordinazzjoni qabel u waqt l-avveniment tal-massa mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ma' partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati oħra, inkluż l-awtoritajiet nazzjonali u lokali responsabbli għas-sikurezza u l-protezzjoni tal-faċilitajiet għal avvenimenti tal-massa fiż-żona CBRN-E (eż. il-pulizija, is-servizzi tat-tifi tan-nar, il-persunal mediku, il-persunal municiċipali ta' emerġenza, l-assoċjazzjonijiet sportivi, eċċ.).
18. Sa fejn ikun possibbli, jevitaw li jaħżnu kwalunkwe materjal CBRN-E f'faċilitajiet għal avvenimenti tal-massa. Meta l-ħżin ma jkunx jista' jiġi evitat, jiżguraw miżuri ta' sigurtà adegwati u effettivi (eż. CCTV, persunal tas-sigurtà, sinjalar adatt, jew tikketti).

19. Jiżviluppaw taħriġ CBRN-E xieraq filwaqt li jqisu t-taħriġ eżistenti (eż. il-proġett Melody), għall-organizzaturi u l-operaturi tal-infrastruttura ta' avvenimenti tal-massa, kif ukoll għall-persunal rilevanti tal-faċilità sportiva (il-gruppi fil-mira kollha, eż. il-maniġers, il-persunal tas-sigurtà u mhux tas-sigurtà, l-istewards u l-lokatarji). Fejn possibbli, it-taħriġ għandu jiġi organizzat fuq bażi regolari (eż. darba fis-sena), bl-involvement taċ-ċentri tat-taħriġ rilevanti tal-UE u nazzjonali (eż. iċ-Ċentru ta' Taħriġ CBRN-E tal-Ewropa Ċentrali), f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali responsabbli għas-sikurezza u l-protezzjoni fil-qasam CBRN-E (eż. il-pulizija, is-servizzi tat-tifi tan-nar, il-persunal mediku, il-persunal municiġali ta' emerġenza, l-assoċjazzjonijiet sportivi, eċċ.) u kkoordinat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Barra minn hekk, tajjeb li t-taħriġ ikun prattiku u orjentat lejn xenarji reali, b'eżerċizzji u simulazzjonijiet biex jiġi żgurat rispons rapidu u effettiv fil-każ ta' inċident jew attakk CBRN-E. It-taħriġ jista' jkopri s-suġġetti li ġejjin:

- 1) il-proċeduri tal-evakwazzjoni u tal-ġestjoni tal-folol;
- 2) għarfien bażiku tal-miżuri CBRN-E;
- 3) kif jingħaraf theddid CBRN-E;
- 4) il-protokolli jew il-proċeduri ta' rispons għal inċident, fejn ikun il-każ f'kooperazzjoni mal-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA), il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) jew l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA);
- 5) l-iżvilupp ta' pjanijiet tas-sigurtà, inkluż CBRN-E;
- 6) eżempji, xenarji, studji ta' każijiet, jekk ikun il-każ f'kooperazzjoni mal-HERA, l-UCPM jew l-Azzjoni Konġunta TERROR;
- 7) it-tagħmir ta' protezzjoni personali u l-użu tajjeb tiegħu;

- 8) il-ġestjoni tal-irkupru tad-data wara inċident jew attakk, b'rispett għas-sensittività jew il-klassifikazzjoni tal-informazzjoni u l-prinċipju tal-"ħtieġa għall-informazzjoni";
 - 9) il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà CBRN-E tas-sit;
 - 10) il-proċeduri ta' dekontaminazzjoni;
 - 11) l-implimentazzjoni ta' miżuri protettivi għall-pubbliku u l-ġestjoni tal-konsegwenzi (wara avveniment).
20. Jiżviluppaw jew itejbu l-proċeduri tal-evakwazzjoni u tal-ġestjoni tal-folol waqt avvenimenti tal-massa, inkluż avvenimenti sportivi, biex jinkludu inċidenti u attakki CBRN-E.
 21. Iqisu li jitolbu lill-Programm Konsultattiv dwar is-Sigurtà Protettiva tal-Kummissjoni jidentifika lakuni fis-sigurtà u jħejji rakkomandazzjonijiet għal titjib.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni:

22. Tanalizza u tipprovdi informazzjoni dwar appoġġ finanzjarju u tekniku potenzjali għal proġetti nazzjonali u internazzjonali marbuta mal-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, b'mod partikolari jekk jittieħdu l-azzjonijiet imsemmija hawn fuq.
 23. Tqis il-possibbiltà li jintużaw stokkijiet CBRN-E skaduti jew stokkijiet CBRN-E li waslu biex jiskadu għal finijiet ta' taħriġ.
-